Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 101/2015

Il-Pulizja

Spettur A. Mallia

Vs

Trevor Bonnici

Illum 16 ta' Dicembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Trevor Bonnici, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 576976M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer, fid-19 ta' Lulju, 2004 u fil-jiem ta' qabel, fl-Isla u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti,

a) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artiklu 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) U talli biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Frar, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b) it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u kkundannatu ghal piena ta' sena u nofs prigunerija effettiva u multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Trevor Bonnici pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 2015, fejn filwaqt li jirriserva d-dritt li jitlob referenza kostituzzjonali minhabba l-ksur ta' dritt ta' smiegh xieraq, talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabithu hati u kkundannatu ghal sena u nofs prigunerija u multa ta' €1500, u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u fin-nuqqas, tvarjaha billi timponi piena li tkun tassew gusta ghal kaz in kwistjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji ta' Trevor Bonnici huma s-segwenti w cioe':-

a) L-ewwel Qorti skartat ingustament l-argumenti li huwa gab fin-nota ta' sottomissjonijiet riferibbli ghall-konsegwenzi legali fuq il-validita' tal-istqarrija stante li hu kien imcahhad illegalment mid-dritt tal-assistenza legali. A skans ta' ripetizzjoni u ghax l-esponent hu cert li din il-Qorti tal-Appell ser tixtarr sew dik in-nota ta' sottomissjonijiet, l-esonent qed jirreferi ghaliha daqslikieku li huwa gab fiha quddiem l-Ewwel Qorti.

   L-esponent ihoss, u huma imwegga' jara, li l-Ewwel Qorti skartat il-fatti basilari madwar l-esponent meta dan irilaxxa l-istqarrija tieghu lill-Pulizija meta kellu 27 sena, iktar minn 11 il-sena qabel ma nghatat is-sentenz. Bir-rispett dovut, hu illogiku u jirrazenta l-irragjonevoli li l-Ewwel Qorti tefghet fl-istess keffa lill-esponenti u lill-akkuza Charles Steven Muscat fis-sentenza li l-Ewwel Qorti abbraccjat u cioe' Charles Steven Muscat vs Avukat Generali (08.10.2012) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali. L-appellant odjern kellu fedina penali nadifa tazza meta gie interrogat, kellu biss 27 sena u fuq kollox, sa dakinhar qatt ma kellu ebda inkontri mal-Pulizija je watt ma kien investigat jew interrogat fuq xejn, ahseb u ara kemm kien gust li l-Ewwel Qorti tefghetu fil-keffa ta' min kien diga a hardend criminal u li kien qed jiskonta sentenza ta' prigunerija meta tressaq fil-kaz li ta' lok ghas-sentenza ta' Charles Steven Muscat vs Avukat Generali. Multo Magis meta l-appellant jara li l-Ewwel Qorti irreferiet ghas-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri (12.11.2012) deciza mill-Qorti Kostituzjonali, sentenza li fiha kien hemm lezjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq tal-akkuzat meta dak l-akkuzat kellu "diga xi kundanna fil-fedina penali qabel sar l-interrogatorju". Mela jekk il-Qorti Kostituzzjonali sabet lezjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq f'kaz ta' min kellu l-fedina penali tieghu mcappsa b'kundanni ta' htija, kemm aktar hemm u kien hemm lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq tal-akkuzat appellant odjern met ahu qatt ma kellu xi forma ta' kundanna, u ghalhekk kondotta nadifa tazza, meta sarlu l-interrogatorju?

b) Il-piena inflitta kienet esagerata u sproporzjonata ghall-fatti tal-kaz.

L-appellant ihoss, anzi jemmen, li fi kwalunkwe kaz, il-piena inflitta hija esagerata meta tqis sija l-ammont ta' droga li inghad li kellu fil-pussess tieghu, meta tqis it-trapass twil zzejjed taz-zmien li ghadda biex intemmu l-proceduri kontih (zgur mhux dovut minhabba l-appellant) u met tqis l-eta u kondotta nadifa li kellu l-appellant fil-perjodu inkriminat lilu. Il-fatt biss li l-appellant gie misjub hati iktar minn 11 il-sena wara d-data tal-akkuza u dan zgur mhux dovut ghalih ghax hu dejjem deher ghall kull seduta li kellu, kellu jigb mitigazzjoni qawwija tal-piena. Iktar u iktar meta wiehed jara l-eta u l-kondotta nadifa tazza li kellu dakinhar tal-akkuzi kontrih.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti qieghed jattakka id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti meta hija accettat l-istqarrija tieghu bhala prova u strahet fuqha sabiex sabet htija ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Fil-fehma tieghu huwa ma kellux jitqieghed fl-istess keffa bhal Charles Steven Muscat fil-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Ewwel Qorti dwar l-ammissibbilita ta'l-istqarrija bhala prova fl-atti u dan meta saret referenza mill-Ewwel Qorti ghall-insenjament li johrog mid-decizjoni kostituzjonali Charles Steven Muscat vs Avukat Generali. Dan ghaliex jishaq illi l-fattispecje tal-kaz tieghu kienu ghal kollox differenti minn dak ta' Muscat. *Di piu'* jilmenta illi id-decizjoni impunjata malament applikat il-pronunzjament gudizzjarju fil-kawza kostituzzjonali Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri billi f'dak il-kaz kien instab li kien hemm lezjoni tad-drittijiet ta'l-akkuzat kif sanciti fil-Kostituzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan anke meta l-akkuzat diga' kellha kundanni precedenti, li f'dan il-kaz ma kienx hemm billi il-fedina penali ta'l-appellanti hija wahda netta.

Ikkunsidrat,

Illi minn ezami akkurat tal-atti probatorji johrog illi huwa minnu illi l-unika prova inkriminantorja fil-konfront ta'l-appellanti hija l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-

pulizija. Illi jirrizulta ukoll illi ghalkemm l-appellanti kien ressaq talba quddiem l-Ewwel Qorti sabiex issir referenza kostituzzjonali in konnessjoni ma' allegat ksur tal-jeddijiet fondamentali tieghu ghal smigh xieraq billi ma kienx inghata l-jedd ifittex parir legali qabel ma irrilaxxja tali stqarrija, din it-talba giet rigettata mill-Ewwel Qorti b'digriet tal-5 ta' Dicembru 2011 fejn qieset illi fid-dawl tal-pronunzjamenti kostituzzjonali hija ma setatx taqbad u tiskarta l-istqarrija bhala prova fl-atti u dan minghajr qabel ma tixtarr u tevalwa l-istess prova fid-dawl tal-provi l-ohra.

Issa, huwa fatt inkontestat illi meta l-appellanti ġie interrogat mill-Pulizija, fl-ebda ħin ma ngħata l-opportunita` li ifittex l-assistenza legali qabel gie mitkellem, u dan peress illi l-artikoli 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali kienu għadhom ma gewx fis-seħħ. Mhux inkontestat lanqas illi l-appellanti ngħata it-twissija skond il-liġi vigenti f'dak iz-zmien fejn ġie infurmat bid-dritt tieghu ghas-silenzju, iżda li dak li igħid f'kaz ta' rinunzja ghal tali jedd jista' jinġieb bi prova kontra tieghu fi process gudizzjarju. Tant hu hekk illi fit-tmiem ta'l-istqarrija meta mitlub sabiex jiffirmaha, l-appellanti jirrifjuta li jaghmel dan u dan minghajr ma jaghti l-ebda motiv ghal tali rifjut.

Illi huwa fatt inkontestat ukoll illi l-gurisprudenza kostituzzjonali li tkellmet dwar dan il-jedd ta' smiegh xieraq estendiet dan il-jedd sahansitra ghal mument meta persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat tigi arrestata u interrogata, madanakollu gie deciz illi dak li ghandu jigi mistharreg mhuwiex daqstant il-fatt illi l-imputat ma inghatax il-jedd li jikkonsulta ma' avukat fil-mument ta'l-interrogazzjoni, izda jekk b'tali nuqqas kienx qed jigi lez il-jedd tieghu ghal smiegh xieraq fil-proceduri penali istitwiti kontra tieghu meta l-konfessjoni bhala prova regina kienet bit-tendenza inkriminanti taghha qed twassal wahedha ghal dikjarazzjoni ta' htija.

Illi fil-kaz in dizamina jirrizulta illi fl-20 ta' Lulju 2004, l-pulizija kienu ikkuntattjaw lill-appellanti permezz tat-*telephone* u tallbuh jinzel sal-ghassa tal-pulizija sabiex jigi mitkellem. Ma jidhirx illi huwa gie infurmat bir-raguni ghal dan, izda l-appellanti minn jeddu acceda gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla. Dan kien ghal habta tas-siegha u kwart ta' wara nofs in-nhar. Jidher izda illi dak in-nhar huwa ma giex mitkellem mill-ufficjal investigattiv u fil-hamsa ta' wara nofs in-nhar huwa gie

mehud gewwa il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn hemmhekk huwa qatta' l-lejl u l-ghada fil-ghodu rega' gie mehud l-ghassa ta' Bormla fejn hemmhekk ghal habta tad-disgha u kwart ta' fil-ghodu gie mitkellem mill-Ispettur Alfred Mallia fejn imbaghad irrilaxxja l-istqarrija tieghu wara li gie moghti it-twissija skont il-ligi vigenti f'dak iz-zmien. Jidher illi huwa wiegeb ghal mistoqsijiet kollha li sarulu u siegha wara l-interrogazzjoni intemmet fejn huwa ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija tieghu. Wara dan il-prosekuzzjoni istitwiet proceduri penali fil-konfront tieghu u dan permezz ta' citazzjoni li giet ipprezentata sitt xhur wara fil-25 ta' Jannar 2005.

Illi fil-mori tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti xehed l-Ufficjal Prosekutur dwar l-investigazzjoni maghmula u l-istqarrija rilaxxjata. Provi ohra mill-Prosekuzzjoni ma tressqux billi x-xhud Noel Dark ghazel li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruhu u ix-xhud Piju Micallef lahaq miet fil-mori tal-kaz. Illi fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2006 kellhom jinbdew il-provi tad-difiza, izda kien biss fid-09 ta' Ottubru 2009 li finalment xehed l-appellanti wara diversi differimenti, il-maggior parti minnhom mitluba mid-difiza stess. Illi kien biss imbaghad fis-seduta tat-02 ta' Mejju 2011 illi l-appellanti talab sabiex issir ir-referenza kostituzzjonali u dan billi allega illi l-istqarrija tieghu kienet inammissibbli bhala prova billi leziva tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, meta ma ikkonsultax ma' avukat qabel gie interrogat.

Ikkunsidrat,

Illi fil-kamp penali, dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa ukoll bhala l-*statement* jew stqarrija tal-imputat jew akkuzat - hija l-*prova regina* li tista' tressaq il-prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b' theddid, jew b' biza' , jew b' weghdiet jew twebbil ta' vantaggi. (art. 658 tal-Kodici Kriminali).

Issa f' dan il-kaz ma saret l-ebda prova li l-istqarrija ma kienetx ittiehed volontarjament jew li kienet inficjabbli minnhabba xi wahda jew aktar mill-kawzi fuq imsemmija li jaghmluha inammissibbli. Lanqas ma saret l-icken prova li tista' titfa' xi ombra ta' dubju fuq dak li xehdu l-ufficjali tal-Pulizija li kienu prezenti

ghaliha minn fejn johrog illi fl-ebda hin ma lmenta maghhom l-imputat li kien bil-guh jew inkella li ma inghatax jiekol fil-hin li inzamm taht arrest. Kien biss hames snin wara li l-appellanti hareg bl-"istorja" li huwa gideb meta wiegeb ghall-mistoqsijiet li kienu qed isirulu mill-ufficjal investigattiv ghax kien bil-guh u ried ifittex jirritorna lura id-dar. Skuza, fil-fehma ta' din il-Qorti infantili u pwerili li jaghmilha evidenti, kif ikkonkludiet b'mod ghaqli l-Ewwel Qorti, li l-appellanti kien qed jixhed falz taht gurament u dan biex jevita l-konsegwenzi tal-ammissjoni inkriminatorja li ghamel meta gie interrogat. Fl-istqarrija tieghu l-appellanti ighid car u tond:

"*…Kull tlitt blokkok tal-haxixa li inbiegh niehu wahda. ..*"

"*jiena inbiegh madwar tlitt (3) bicciet kuljum bil-hames liri l-blokka.*"

Meta imbaghad jigi mistoqsi dan ix-xoghol ghal min ighamlu huwa iwiegeb:

"*Ghal certu Noel 'il-Griega'*

Ikompli billi ighid li dan l-ispaccatur ma ihallsux talli ibieghlu d-droga, izda jaghtih blokka kull darba. Mistoqsi li min ibiegh il-haxixa, huwa iwiegeb illi dan ighamlu gewwa ix-Xatt ta'l-Isla lil guvintur li imorru fuqu u jistaqsuh jekk ghandux droga ghal bejgh, b'dan ghalhekk illi jidher illi l-appellanti kien maghruf li kien jispacca d-droga minn dan il-post.

Din il-Qorti rriproduciet il-brani rilevanti tal-istqarrija tal-appellanti biex jigi illustrat kif l-appellanti ammetta b' mod inekwivoku li kien ibiegh id-droga lil terzi. Dan qalu w rrepetieh aktar minn darba w sahansitra indika l-persuna li kien ifornielu id-droga sabiex tigi spaccata, liema persuna ghalkemm tressaq bhala xhud quddiem l-Ewwel Qorti ghazel li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruhu. Illi imbaghad meta tigi mqabbla ix-xhieda moghtija mill-appellanti *viva voce*, fil-Qorti huwa bil-wisq evidenti kemm f'tali xhieda huwa kien qed jipprova jitfa' l-bzar f'ghajnejn il-Qorti biex isalva ruhu minn kundanna ghall-akkuza serja dwar traffikar migjuba fil-konfront tieghu. Madanakollu l-appellanti ma irnexxielux jikkonvinci lill-Ewwel Qorti dwar in-nuqqas ta' volontarjeta' tad-dikjarazzjonijiet inkriminanti tieghu u wisq anqas ser jirnexxielu jikkonvinci lil din il-Qorti. Maghdud dan ghalhekk l-Ewwel Qorti

gustament wara apprezzament approfondit minnha maghmul ta' din il-prova ma kellhiex ghalfejn ikollha l-icken dubju ragjonevoli mill-htija tal-akkuza ta' traffikar li giet ammessa ripetutament mill-appellanti fl-istqarrija tieghu.

Illi f'kaz simili din il-Qorti kif diversament ippresjeduta stqarret:

**"Fil-każ in eżami, kif diġa` osservat, l-appellata kienet mgħarrfa bil-jedd tagħha li tibqa' siekta u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulha mill-uffiċjal investigatur. Ma jirriżultax li kellha esperjenzi oħrajn ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija qabel dan, iżda l-għażla li twieġeb jew ma tweġibx setgħet tagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk tali għażla għamlitha b'liberta` sħiħa."**

Din il-Qorti ukoll, ghalhekk, ma ghandhiex l-icken dubbju illi l-appellanti kien igawdi minn din il-liberta' tant illi fl-ahhar huwa ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija tieghu ghalkemm jallega illi huwa ried ifittex imur lejn id-dar ghax kellu il-guh. Dan fil-fatt fih innfisu huwa indikattiv ta' kemm l-appellanti kien fehem it-twissija moghtija lilu u li kien qieghed wiegeb ghall-mistoqsijiet minn jeddu u minghajr ebda biza tant illi anke jaghti certu dettall fit-twegibiet tieghu li ma jistghux ikunu biss frott ta'l-imaginazzjoni jew invenzjoni. L-invenzjoni tohrog biss fix-xhieda tieghu fil-qorti meta jipprova jaghmel l-almu tieghu biex ihassar l-effetti ta'l-istqarrija inkriminanti tieghu.

Illi l-appellanti iressaq ukoll impunjattiva dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi iqies illi din kienet wahda eccessiva tenut kont tat-trapass taz-zmien minn meta inbdew dawn il-proceduri sad-decizjoni finali, kif ukoll tenut kont tal-fedina penali nadifa tieghu.

Illi huwa minnu illi kien hemm trapass konsiderevoli ta' ghaxar snin minn meta sehh il-kaz, izda il-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi kien hemm diversi drabi illi s-seduta ma inzammitx billi jew intalab differiment mid-difiza jew inkella ghax l-imputat naqas milli jattendi. Illi inoltre il-Qorti lanqas ma tista' taghlaq ghajnejha ghal fatt illi l-appellanti ghazel li jigdeb fix-xhieda tieghu biex jipprova isalva lilu innifsu. Tqies ghalhekk illi l-motivazzjonijiet maghmula mill-Ewwel Qorti kienu legalment u fattwalment validi u ma tarax illi il-piena erogata ghandha tigi varjata,

iktar u iktar billi l-appellanti ma iressaq l-ebda raguni differenti, minn dawk diga' ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, li jistghu iwasslu lil din il-Qorti sabiex tilqa' dan l-aggravvju tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur